MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2020

Rikors Kostituzzjonali Numru 218/2020/1 LM

1. **Keith Schembri (331975M)**
2. **Josette Schembri Vella (0177876M)**
3. **Alfio Schembri (596048M)**
4. **Josephine Schembri (436452M)**
5. **Navis Logistics Limited (C94559)**
6. **Kasco Limited (C25890)**
7. **Kasco Recycling (C42762)**
8. **Its Good Limited (C44687)**
9. **FSV Limited (C37531)**
10. **Tekhne Industrial Limited (C58648)**
11. **Kasco Engineering Company (C34257)**
12. **Berner Malta Limited (C60364)**

13. **3City Designs Limited (C44007)**
14. **Kasco Holdings Limited (C17886)**
15. **Malcolm Scerri (425165M)**
16. **Silvestra Silvia Scerri (262264M)**
17. **Daniel Scerri (171694M)**
18. **Karyn Scerri (90597M)**
19. **ThoughtZone Limited (C63174)**
20. **Acumen Projects Limited (C64987)**
21. **Simon Poulton (37172M)**
22. **Sarah Poulton (32171M)**
23. **Sean Poulton (320896M)**

**vs.**

1. **L-Avukat tal-lstat**
2. **L-Avukat Generali**
3. **Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors b'urġenza għall-ħruġ ta' miżura provviżorji *(interim relief)* ta' **Navis Logistics Limited, (C94559), Kasco Limited (C25890), Kasco Recycling Limited (C42762), Its Good Limited (C44687), FSV Limited (C37531), Kasco Engineering Company Limited (C34257), Berner Malta Limited (C60364), 3City Designs Limited (C44007),** u **Kasco Holdings Limited (C17886)**, minn issa 'l quddiem 'is-soċjetajiet rikorrenti', ippreżentat fit-2 ta' Ottubru, 2020

Rat ir-risposta tal-intimati **l-Avukat tal-Istat**, **l-Avukat Ġenerali** u **l-Kummissarju tal-Pulizija** (minn issa 'l quddiem 'l-intimati') ippreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2020.

Semgħet ix-xhieda ta’ **Keith Schembri**.

Rat l-atti kollha ta’ dawn il-proċeduri.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta’ miżura provviżorja in segwitu għall-ħruġ ta’ ordni ta’ sekwestru u investigazzjoni *ai termini* tal-artikolu 4 tal-Kap. 373 (minn issa ’l quddiem ‘l-ordni’) kontra s-soċjetajiet rikorrenti, liema ordni, huma jgħidu flimkien ma’ oħrajn, li llediet diversi drittijiet fundamentali tagħhom.

Illi l-imsemmija ordni nħarġet fil-21 ta’ Settembru, 2020 fuq talba tal-intimati jew min minnhom. Is-soċjetajiet rikorrenti jikkontendu li l-imsemmija ordni ipparalizzat kompletament l-operat kollu tas-soċjetajiet rikorrenti, li bejniethom iħaddmu ’l fuq minn 80 persuna fuq bażi *full time*. Sussegwentement fl-24 ta’ Settembru, 2020 uħud mis-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw rikors fil-Qorti Kriminali fejn talbu lil dik il-Qorti sabiex taħtar amministratur/i sabiex taħt l-awtorità tagħha joperaw l-operat tal-kumpanniji maħtura taħt is-sorveljanza tal-Qorti. Is-soċjetajiet rikorrenti jgħidu li fil-25 ta’ Settembru, 2020, u wara li l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għal din it-talba, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba sabiex jiġi maħtur amministratur.

Is-soċjetajiet rikorrenti jgħidu li fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali rriżulta b'mod ċar li l-Qorti Kriminali m'għandhiex is-setgħa li tissindika jew tagħti ordnijiet lill-intimati f'każijiet ta' ordni ta' sekwestru u investigazzjoni maħruġa taħt l-artikolu 4 tal-Kap. 373. Dan l-artikolu ma jagħti l-ebda setgħa lill-Qorti Kriminali li tisma' quddiemha kontestazzjoni tal-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni u konsegwentement tissindika u jew tvarja tali ordni jekk jirriżultawlha l-estremitajiet biex tagħmel dan.

Jgħidu r-rikorrenti li filwaqt li persuna akkużata tgawdi minn dritt li titlob rimedju ordinarju, dritt fundamentali sabiex persuna akkużata tingħata smigħ xieraq, mill-banda l-oħra persuna investigata fuq suspett li hija kkommettiet xi reat, ssib ruħha bl-assi tagħha kollha ssekwestrati, li għal perijodu minn sitt xhur sa sena m'għandha l-ebda dritt skont il-Liġi li tirrikorri għal Qorti ta' setgħa ordinarja sabiex titlob li tiġi sindakata jew revokata l-ordni u dan għaliex id-dritt tar-revoka huwa wieħed esklussiv għall-Avukat Ġeneral.

Is-soċjetajiet rikorrenti jgħidu ukoll li fil-każ odjern hemm sitwazzjoni fejn individwi li għadhom qegħdin jiġu investigati, allegatament fuq konklużjonijiet ta' inkjesta maġisterjali dwar allegati *kickbacks* fis-somma ta' €100,000 fuq bejgħ ta' passaporti, sabu ruħhom f'sitwazzjoni 'katastrofika' li jekk mhux ser tiġi indirizzata, ser issarraf biss fil-falliment tagħhom personali u tan-negozji tagħhom, ċjoé s-soċjetajiet rikorrenti. Ir-rikorrenti jgħidu li l-ordni huwa wieħed drakonjan u estrem li ġab lil dawn il-kumpanniji għarkupptejhom peress li għandhom il-kontijiet bankarji tagħhom issewkestrati; debituri tar-rikorrenti li qegħdin jippruvaw jagħmlu pagamenti fil-kontijiet tar-rikorrenti mhumiex jitħallew jagħmlu dan; kredituri tar-rikorrenti mhumiex qegħdin jitħallsu; il-pagi

tax-xahar ta’ Settembru ta’ 78 ħaddiem ma tħallsux fil-ħin; is-soċjetajiet rikorrenti b’mod ġenerali mhumiex jitħallew joperaw.

Ir-rikorrenti jsostnu li peress li huma m’għandhomx id-dritt mil-Liġi li jitolbu lill-Qorti Kriminali tvarja l-ordni fis-sens illi tappunta amministratur jew amministraturi biex jamministraw l-operat tas-soċjetajiet rikorrenti, huma għamlu dan ir-rikors urġenti li permezz tiegħu din il-Qorti qed tintalab timponi miżura proviżorja sabiex is-soċjetajiet rikorrenti ma jsofrux preġudizzju tant irrimedjabbli li jkollhom jagħlqu, bit-telf ta’ impjiegi li dan iġib miegħu.

Illi għaldaqstant is-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex bħala miżura provviżorja taħtar amministratur/i sabiex taħt l-awtorità tagħha jew tal-Qorti Kriminali jamministra l-operat tas-soċjetajiet rikorrenti b’mod li dawn is-soċjetajiet jibqgħu joperaw taħt is-sorveljanza tal-Qorti, u bħala rimedju provviżorju tagħti dawk il-provvedimenti li tħoss neċessarji sabiex is-soċjetajiet rikorrenti ma jsofrux preġudizzju irrimedjabbli billi jitħallew joperaw biex jiġi evitat il-falliment tagħhom, tas-sidien tagħhom u t-telfien ta’ ħafna impjiegi.

Min-naħa tagħhom l-intimati ddikjaraw li huma qegħdin joġġezzjonaw għat-talbiet tas-soċjetajiet tar-rikorrenti. Qalu li fil-25 ta’ Settembru, 2020 il-Qorti Kriminali diġà ċaħdet talba magħmula mir-rikorrenti sabiex jiġi maħtur amministratur, u ppronunzjat ruħha fuq il-każ fis-sens li ma kienx hemm il-ħtieġa għal tali amministratur għall-inqas f’dan l-istadju ferm bikri.

Jgħidu l-intimati li l-funzjoni ta’ din il-Qorti mhijiex li ssir qorti tat-tielet istanza jew qorti ta’ reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji

b’tali mod u manjiera li tippromwovi *forum shopping,* għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

L-intimati jirrilevaw li ovvjament persuna li tkun qed tiġi investigata dwar reati serjissimi, ser ikollha tiffaċċja ċerti restrizzjonijiet, fosthom bil-ħruġ ta’ ordni ta’ sekwestru, u apparti minn hekk jistgħu anke, skont l-eżitu tal-investigazzjoni, jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħha. L-intimati jfakkru fl-obbligi li kull Stat għandu li jipproteġi r-rikavat ta’ kull reat kriminali u għalhekk l-ordni hija miżura għalkollox leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa’ taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika u biex jiġi evitat diżordni jew għemil kriminali.

L-intimati jirrilevaw illi f’dan il-każ l-investigazzjoni ilha għaddejja biss ftit ġimgħat u l-intimati jaraw li f’dan l-istadju għadu kmieni biex jitqabbdu amministraturi, ’il għaliex preżentement hemm xogħol investigattiv kbir għaddej u l-intimati ma jistgħux jaċċettaw li l-kumpanniji jibqgħu joperaw bħallikieku mhija għaddejja l-ebda investigazzjoni. L-intimati jgħidu li meta tqis li għaddew biss ftit ġimgħat mill-bidu tal-investigazzjoni, m’għandux ikun hemm dubju li żgur ma rriżulta l-ebda sproporzjon jew dannu irreparabbli f’dan l-istadju. L-ordni ta’ sekwestu hija miżura raġonevoli li tittieħed meta hemm suspett raġonevoli.

L-intimati jgħidu li miżura proviżorja hija mezz eċċezzjonali u straordinarju li tiġi adottata b’mod ristrett għall-aħħar, ġeneralment fejn ikun hemm *“an apparent real an imminent risk of irreparable harm”* u meta jkun ippruvat mingħajr ebda ekwivoku li jkun hemm *“an alleged risk to life or ill treatment”.* Dan jiffigura

normalment f'każijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni għal Stati fejn ir-riskju għall-ħajja huwa kbir.

L-intimati jsostnu li fil-każ odjern m'hemmx ċirkostanzi daqshekk gravużi li jimmilitaw favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja għaliex m'hemmx kwistjoni ta' theddida fuq il-ħajja jew l-inkolumintà fiżika. Jgħidu li biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura proviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. L-intimati jgħidu li fil-każ odjern ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, lanqas *prima facie*. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jinkombi fuq ir-rikorrenti li juru li (a) għandhom dritt *prima facie* li nkiser; u (b) li ser isseħħ ħsara irrimedjabbli f'każ li ma tinħarigx il-miżura proviżorja. Dawn iż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa minn din il-Qorti.

L-intimati jgħidu li dak li jirriżulta huwa li l-ordni ta' sekwestru ma żvestix lis-soċjetajiet rikorrenti mill-proprjetà u l-aċċess għall-Qorti Kriminali huwa dejjem garantit, tant hu hekk li l-istess rikorrenti marru quddiem il-Qorti Kriminali u ppreżentaw it-talbiet tagħhom lil dik il-Qorti.

Fl-għeluq tat-trattazzjoni verbali tagħha, Dr Fiorella Fenech Vella għall-intimati, filwaqt li baqgħet tisħaq fuq l-oġġezzjoni tal-intimati għall-ħruġ ta' miżura proviżorja bil-ħatra ta' amministratur proviżorju, finalment irrimettiet ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Tibda biex tgħid li skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jistgħu jinħarġu miżuri provviżorji, li huma miżuri ta' natura urġenti, biss fejn ikun hemm riskju imminenti ta' ħsara irreparabbli. Dawn il-miżuri jinħarġu fir-rigward ta' proċeduri quddiem il-Qorti, bla preġudizzju għal deċiżjonijiet sussegwenti dwar l-ammissibilità jew il-mertu tal-każ inkwistjoni.

Tgħid ukoll li ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet tal-intimati fejn qalu li b'effett tal-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni jista' jkun li s-soċjetajiet rikorrenti jkollhom jieqfu milli joperaw sakemm l-ordni tibqa' *in vigore* għal perijodu li jista' jieħu anki sa sena. Il-Qorti assolutament ma taqbilx ukoll fejn intqal mill-intimati li huma ma jistgħux jaċċettaw li s-soċjetajiet rikorrenti jibqgħu joperaw bħallikieku mhija għaddejja l-ebda investigazzjoni. Evidentement l-iskop ta' ordni ta' sekwestru mhuwiex u m'għandux ikun dak li jwaqqaf lill-kumpanniji sekwestrati milli jkomplu joperaw, imma li l-assi tas-soċjetajiet rikorrenti jiġu ppreservati pendenti l-eżitu tal-investigazzjonijiet u li ma jkunx hemm movimenti ta' assi li jistgħu jwasslu biex jiġu intralċjati l-investigazzjonijiet u jintilfu l-assi tal-kumpanniji. Sakemm l-assi tas-soċjetajiet rikorrenti jibqgħu imħarsa u ppreservati, u sakemm l-investigazzjonijiet ma jiġu mxekkla bl-ebda mod, il-Qorti tqis li jkun fl-aħjar interess ta' kulħadd, inkluż tal-intimati, li s-soċjetajiet rikorrenti jibqgħu joperaw kemm jista' jkun b'mod kontinwu.

Jirriżulta mill-provi li b'effett tal-ordni ta' sekwestru ġie pparalizzat bl-aktar mod drastiku u devastanti l-operat tas-soċjetajiet rikorrenti, li spiċċaw f'sitwazzjoni fejn *inter alia* ma jistgħux jinqdew b'faċilitajiet bankarji sabiex jiddepożitaw ħlasijiet li jsiru lilhom mid-debituri tagħhom u li jagħmlu pagamenti lill-kredituri

tagħhom; iħallsu l-pagi tal-impjegati tagħhom fil-ħin; li fl-operat tagħhom ikunu koperti b'*insurance cover* adegwat; li jiżguraw li l-merkanzija li tkun ġejja minn barra tasal fil-ħin; u għal dawk li huma *perishables*, li dawn jibqgħu ta' kwalità tajba. Dan kollu jfisser li f'temp ta' ftit ta' ġimgħat jekk mhux ġranet, is-soċjetajiet rikorrenti ser ikunu kostretti li jagħlqu l-bibien tagħhom u jiddikjaraw falliment jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma.

Il-Qorti tqis li l-intimati setgħu waslu għall-istess skop li l-leġiżlatur ried li jintlaħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni u sekwestru, mingħajr ma jkollhom għalfejn jirrikorru għall-mezz daqshekk drakonjan u sproporzjonat, li ser iwassal għall-falliment tas-soċjetajiet rikorrenti, u kellu jkun l-intimat Avukat Ġenerali stess li flimkien mat-talba lill-Qorti Kriminali sabiex tinħareġ ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru, jagħmel talba sabiex jiġi maħtur amministratur provviżorju li jkun persuna tal-fiduċja tal-intimati u li jkun inkarigat li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ordinarja tas-soċjetajiet rikorrenti taħt is-sorveljanza tal-Qorti.

Il-Qorti tirrakkomanda li l-leġiżlatur għandu jkun ċar f'dan ir-rigward, illi fejn ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru li ssir taħt l-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta tolqot *an ongoing business concern*, il-ħatra ta' amministratur għandha tkun waħda tassattiva u mhux fakoltattiva.

Il-Qorti tqis illi jekk ma tiġix milqugħa l-imsemmija miżura proviżorja għall-ħatra ta' amministratur, dan ifisser li s-soċjetajiet rikorrenti ħa jiffaċċjaw riskju reali ta' ħsara gravi u irriversibbli, għaliex bl-għeluq tas-soċjetajiet rikorrenti, l-avvjament tagħhom jispiċċa fix-xejn u dawn jispiċċaw iġarrbu telf enormi fil-valur tal-assi fissi u kurrenti tagħhom.

Tqis illi l-ħruġ ta’ ordni ta’ sekwestru *ai termini* tal-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta’ Malta, mingħajr il-kontrobilanċ tal-ħatra ta’ amministratur provviżorju, *prima facie* għandha titqies bħala miżura għalkollox sproporzjonata li għandha l-istess effett ta’ teħid sfurzat tal-proprjetà tas-soċjetajiet rikorrenti, għaliex bil-falliment tagħhom dawn il-kumpanniji li kienu jirreġistraw profitt, ser jispiċċaw jagħmlu tant telf li ħa jkollhom jagħlqu. Għas-soċjetajiet rikorrenti dan ix-xenarju litteralment jista’ jfisser ‘id-daqqa tal-mewt’ tagħhom.

Fuq kollox l-iskop innifsu ta’ ordni ta’ sekwestru li permezz tiegħu jiġu ppreservati l-assi tas-sekwestrati, jista’ jiġi kompletament disfatt u stultifikat jekk ma jinħatarx amministratur mill-Qorti, għaliex ċertament il-valur tal-assi ta’ *a going concern* huwa ferm aktar sostanzjali mill-valur tal-assi ta’ kumpannija li qiegħda tiġi likwidata. Jaf ikun kontrasens dak li ntqal mill-intimati fir-risposta tagħhom, illi kull Stat għandu l-obbligu li jipproteġi r-rikavat ta’ kull allegat reat kriminali, jekk konsegwenza ta’ ordni ta’ sekwestru mingħajr ħatra ta’ amministratur, l-assi tas-soċjetajiet rikorrenti jispiċċaw jiġu żvalutati u dissipati.

**Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija tiddeċiedi illi bħala miżura proviżorja għandu jinħatar amministratur jew amministraturi taħt l-awtorità ta’ din il-Qorti u taħt is-sorveljanza tal-Avukat Ġenerali, sabiex jamministra jew jamministraw l-operat tas-soċjetajiet rikorrenti b’tali mod li dawn ma jsofrux preġudizzju irrimedjabbli u jiġi evitat il-falliment tagħhom.**

**Il-partijiet qegħdin jingħataw jumejn żmien mil-lum sabiex permezz ta’ nota konġunta jindikaw għal konsiderazzjoni tal-Qorti min jista’ jkun jew ikunu l-**

**persuna jew persuni li jaqblu dwaru jew dwarhom il-partijiet, li jista' jingħata jew jingħataw dan l-inkarigu, u bit-*terms of reference* maqbula mill-partijiet.**

Moqri.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**